MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 4(2012), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn 14 ta' Mejju 2012, fil-5:30 p.m.

1. **Preżenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Edric Micallef |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja |
| Kunsilliera | Steven Grech |
| | AngeloMicallef |
| | Stephen Caruana |

**Segretarju Eżekuttiv** Duncan Hall

**Aġenda għal-laqgħa :**

---

1. Qari tal-Minuti
2. *Arisings* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
5. *Bye-Laws*
6. Triq il-Port Ruman – Sistema tat-Traffiku
7. Sejħiet għall-offerti – MXLC03/2011 u MXLC04/2011
8. Sejha għall-offerti MXLC02/2011
9. *Report to management* għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2011 u risposta
10. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
11. Affarijiet oħra

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

1. **Qari tal-Minuti**

Minuti numru 2(2012) ġew meħuda bħala moqrija. Il-Kunsill unanimament approva l-korrettezza tal-Minuti fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef, issekondat mis-Sur Carmelo Bugeja li għaddiet b'mod unanimu

Minuti numru 3(2012) ġew meħuda bħala moqrija. Il-Kunsill unanimament approva l-korrettezza tal-Minuti fuq mozzjoni tas-Sur Angelo Micallef, issekondat mis-Sur Stephen Caruana li għaddiet b'mod unanimu

## 2 Arisings mill-Minuti

Ma kienx hemm

## 3 Korrispondenza

Inqrat il-Korrispondenza kollha.

3.1 Permezz ta' e-mail datat 6 ta' Mejju 2012, is-Sur Salvu Attard rigward problema li kienet qiegħda tinqala' fi Triq il-Port Ruman kawża ta' vetturi li jiġu pparkjati biswit ir-residenza tiegħu u li kienu qiegħdin jostakolaw l-aċċess għal inġenji kbar ( xarabank, trakkijiet eċċ). Is-Sur Attard saħħaħ l-argumenti tiegħu permezz ta' ritratti li kienu juru xarabank illi kien qiegħed jipprova jgħaddi min spazju ristrett. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi l-ilment illi kien ressaq is-sur Attard kien wieħed ġustifikat. Għal dan il-għan kellha tinġibed l-attenzjoni ta' Transport Malta sabiex jintalab permess ħalli ikun tista' issir linja safra illi kellha jsolvi din il-problema.

3.2 Permezz ta' ittra datata 1 ta' Mejju 2012, is-Sur Mark Żammit, f'isem l-assoċjazzjoni bejjiegħa tal-Monti, filwaqt illi feraħ lill-Kunsilliera eletti, talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi l-Kunsill ikollu uffiċjal appuntat illi kellu jkun responsabbli mis-Suq fil-beraħ. Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill kellu jibqa' ma dak li kien diġa' ġie diskuss f'laqgħat preċedenti u cioe' illi l-Kunsilliera kollha ikunu responsabbli mis-Swieq fil-beraħ sabiex id-deċiżjonijiet ikunu jistgħu jittieħdu bi qbil bejn il-Kunsilliera. Kien hemm qbil dwar dan u ġie deċiż illi kellha tintbagħat ittra lis-Sur Żammit sabiex dan jiġi infurmat b'din id-deċiżjoni.

3.3 E-Mail datat 30 ta' April 2012 li permezz tiegħu Anna Vella, f'isem id-Dipartiment għall-Gvern Lokali infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'referenza għat-tnaqqis li kien sar fl-allokazzjoni tal-Kunsill Lokali kawża tad-dewmien fis-Sottomissjoni tal-Financial Statements/Audit Reports u wara illi kienu inkisbu il-kummenti tal-Kunsill Lokali u ta' l-Udituri tal-Gvern kien ġie deċiż illi l-Kunsill Lokali jingħat lura nofs l-ammont li kien tnaqqaslu u ċioe' €1851.20.

3.4 Permezz ta' e-mail datat 26 ta' April 2012, is-Sur Celestino Mifsud ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali għall-fatt illi central strip illi tinstab fil-limiti ta' bejn Marsaxlokk u Bir id-Deheb kienet qiegħda tkun okkupata minn diversi vetturi illi jiġu pparkjati sabiex jinbiegħu. Dan kien qiegħed joħloq inkonvenjent lil sewwieqa oħra peress illi kienet qiegħda tiġi ostakolata l-vista ta' traffic lights li hemm fis-sit. Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi filwaqt illi kien qiegħed jaqbel ma' dak li kien qal is-Sur Mifsud, għaliex kien diġa irċieva ilmenti simili, fl-opinjoni tiegħu din iċ-*central strip* kellha tintradam bil-ħamrija sabiex tkun estensjoni ta' *central strip* eżisenti. Is-Sur Steven Grech qal illi filwaqt illi huwa kien jaqbel ma' din il-proposta, kien ta' l-opinjoni illi kellu jitħalla aċċess għall-bowser ta' l-ilma. Għal dan il-għan kellha titħalla trejqa illi tiġi magħluqa permezz ta' bollards. Kien hemm qbil unanimu illi l-proposta tiġi aċċettata u kellha tintbagħat ittra sabiex issir talba ħalli jkun jista' jitwettaq dan ix-xogħol.

3.5 E-mail datat 10 ta' Mejju 2012, li permezz tiegħu l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali infurmat lill-Kunsilli Lokali b'seminar li kien ser jinżamm nhar is-Sibt 7 ta' Lulju 2012 dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima. Dan is-seminar kien qiegħe jittella' b'konnessjoni mal-parteċipazzjoni ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fil-*Malta Trade Fair*. Is-Sur Edric

Micallef qal illi kien ser jevalwa l-possibilita' illi jattendi għas-seminar u talab illi jingħata kopja tal-korrispondenza.

3.6 Permezz ta' e-mail datat 11 ta' Mejju 2012 is-Sinjura/ina Melanie Drury, f'isem *MyDestination Malta,* offriet lill-Kunsill Lokali, *360$^o$ Virtual Tour* tal-lokalita' għall-prezz ta' €295. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi l-Kunsill Lokali ma kellux jilqa' din il-proposta.

3.7 E-Mail datat 18 ta' April 2012 mingħand is-Sinjura/ina Josianne Carabott f'isem Transport Malta li ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali għal ilment illi l-istess Transport Malta kienet irċeviet rigward allegat periklu fi Triq il-Kavallerizza. L-ilment kien jgħid illi f'din it-triq kien jinħtieġ illi jitwallu *traffic calmers* peress illi l-wiċċ tat-triq kien lixx wisq. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi minflok *traffic calmers,* kellha ssir talba lit-*Traffic Management Unit* fi ħdan *Transport Malta* sabiex fit-toroq illi jagħtu għal Marsaxlokk jitwaħħlu tabelli illi jindikaw il-limitu ta' veloċita' illi biha setgħet tinstaq vettura ġewwa Marsaxlokk.

3.8 Permezz ta' e-mail indirizzata lis-Sur Edric Micallef, is-Sur Mario Scicluna f'isem l-Uffiċċju Missjunarju talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex tittella' attivita' nhar il-Ħadd 21 ta' Ottubru 2012 ġewwa Pjazza Madonna ta' Pompei. Din l-attivita' illi l-għan ewlieni tagħha kien illi jiġi kkommemorat il-Jum Dinji tal-missjoni kienet tinkludi xi tined li kienu ser jitwaqqfu fil-pjazza msemmija flimkien ma bejgħ ta' artiġjanat mill-istess sit. Kien hemm qbil unanimu illi għalkemm fil-prinċipju il-Kunsill Lokali ma kellu ebda oġġezzjoni għal din it-talba, is-Sur Scicluna kellu jintalab sabiex hekk kif ikun hemm aktar dettalji dwar l-attivita' il-Kunsill jiġi infurmat.

3.9 E-mail datat 11 ta' Mejju 2012 mingħand is-Sur John Vella li permezz tiegħu is-Sur Vella talab il-permess tal-Kunsill Lokali sabiex ikun skużat milli jarma fis-suq fil-beraħ bejn nhar il-Ħadd 27 ta' Mejju 2012 u l-Ħadd 30 ta' Settembru 2012. Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill kellu jkun ferm kawt rigward is-suq fil-beraħ u talbiet simili għal dik tas-Sur Vella setgħu ma jaqblux mal-linja li kien qiegħed jadotta l-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi t-talba tas-Sur Vella ma kelliex tiġi milqugħa u dan kellu jiġi infurmat illi kienet fir-responsabilita' tiegħu illi jara illi jkun preżenti waqt li tittieħed ir-rassenja.

3.10 Permezz ta' ittra datata 10 ta' Mejju 2012, is-Sur Angelo Baldacchino f'isem l-għaqda Mużikali Pompei, talab lill-Kunsill għajnuna finanzjarja sabiex tkun tista' tittella' l-festa titulari tal-Madonna ta' Pompei. Il-Kunsill Lokali ġie mitlub iħallas is-somma ta' €600 li kienu ikopru l-ispejjeż għal sistema ta' sound u kiri ta' siġġijiet. Kien hemm qbil unanimu illi kellha tintbagħat ittra lill-għaqda kkonċernata li permezz tagħha l-istess għaqda tiġi infurmata illi l-Kunsill Lokali ma setax jagħti donazzjonijiet u għaldaqstant din it-talba ma setgħetx tiġi milqugħa.

3.11 E-Mail datata 13 ta' Mejju indirizzat lill-Kunsill Lokali u li kopja tiegħu intbagħtet lill-Onor Dr.Lawrence Gonzi u lill-Onor. Dr.Joseph Muscat li permezz tiegħu is-Sur Joseph Meilak ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għal perikli li kien hemm f'Parti minn Xatt is-Sajjieda kawża ta' xogħolijiet illi inbdew u ma tlestewx. Kien hemm qbil illi għandha tintbagħat risposta sabiex jiġu elenkati l-problemi li kien iltaqa' magħhom il-Kunsill Lokali fl-implimentazzjoni tal-proġett.

3.12 E-mail datat 7 ta' Mejju 2012 mibgħut mill-iskola primarja li permezz tiegħu il-Kunsill Lokali ġie mitlub jagħti donazzjoni lill-iskola primarja b'relazzjoni ma' Jum il-

Premjazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill illi skond ir-riforma illi saret fil-liġi tal-Kunsilli Lokali kien illegali illi jingħataw donazzjonijiet. Kien hemm qbil illi kellha tintbagħat ittra lill-iskola primarja li permezz tagħha l-Kunsill Lokali jiċċara l-pożizzjoni tiegħu f'dan ir-rigward. Fl-istess waqt ittieħdet id-deċiżjoni illi kellu jingħata rikonoxximent lil xi studenti illi ddistingwew ruħhom matul is-sena skolastika.

3.13 Ittra datata 24 ta' April 2012 indirizzata lic-Chief Executive Officer ta' Transport Malta li permezz tagħha l-Kunsill Lokali talab sabiex fi Triq Melqart isir xogħol ta' resurfacing u bankini. Dan kien qiegħed jintalab peress illi l-istat tat-triq kien wieħed pjuttost ħażin u Triq Melqart kienet taqa' taħt ir-responsabilita' ta' l-awtoritajiet Ċentrali.

## 4 Komunikazzjonijiet tas-Sindku

4.1 Is-Sur Edric Micallef qal illi nhar l-10 ta' Mejju 2012 kien attenda seduta tal-MEPA b'konnessjoni ma applikazzjoni numru PA1017/07 li kienet tikkonċerna applikazzjoni għal *Jogging Track*. Huwa żied illi wara li kien bagħat ittra lill-MEPA bil-konsiderazzjonijiet tiegħu, l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar kienet ħadet id-deċiżjoni illi kemm il-darba fi żmien tliet xhur il-Kavallerizza Planning Guidance ma jitlestiex, awtomatikament kien ser jitħassar ir-rifjut għal applikazzjoni PA1017/07 u allura dan ikun ifisser illi l-Kunsill Lokali jkun inħariġlu permess sabiex jibeda' x-xogħol fuq il-*jogging track.*

4.2 Is-Sindku għadda informazzjoni lill-Kunsill rigward il-proċess ta' ittestjar ta' l-estensjoni tal-*power station* ta' Delimara. Filwaqt li elenka nuqqasijiet li kienu twettqu matul l-aħħar xhur, fosthom il-fatt illi minkejja li kellu jibda' l-monitoraġġ ta' l-arja f'Jannar 2012 u minflok inbeda f'April 2012, is-Sur Micallef qal illi t-testijiet li kienu għaddejjin kienu qiegħdin isiru fuq magni nixgħula b'mod individwali u għaldaqstant ma setgħetx tinġabar informazzjoni korretta. Huwa żied illi l-Bord ta' monitoraġġ illi twaqqaf apposta għal din l-estensjoni kien ser ikun qiegħed jirrakomanda lill-MEPA sabiex iż-żmien ta' monitoraġġ ta' l-arja jiġi estiż sa Ġunju 2013. Is-Sindku qal illi sabiex ikunu jistgħu jitqabblu l-livelli ta' pollutants fl-arja biż-żewġ tipi ta' fjuwils li bihom huwa possibbli jitħaddem l-impjant, għandu jkun hemm ukoll perjodu ta' monitoraġġ bl-impjant imħaddem bil-gasoil hekk kif kien irrakkomanda il-perit Cacopardo.

## 5 Bye-Laws

Is-Sur Angelo Micallef ġie mitlub jinforma lill-Kunsill Lokali f'liema stadju kien wasal il-proċess sabiex il-Kunsill Lokali ikun jista' jimplimenta bye-laws rigward attivitajiet fil-beraħ fil-lokalita' ta' Marsaxlokk, latrini pubbliċi fil-lokalita' ta' Marsaxlokk, remote-controlled power Boats fil-lokalita' ta' Marsaxlokk u bye-law rigwar karrijiet u oġġetti oħra ta' Ingombru fil-lokalita' ta' Marsaxlokk. Is-Sur Micallef qal illi huwa kellu kuntatt ma' l-avukat li kien ġie imqabbad mill-Kunsill Lokali sabiex iħejji l-imsemmija bye-laws. Fil-fatt is-Sur Micallef għadda sabiex jaqra abbozz tal-bye-laws illi kien ħejja l-avukat inkarigat. Wara li nqraw il-bye-laws u ġew diskussa bejn il-Kunsilliera, fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef u li ġiet issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja, il-Kunsill unanimament approva illi l-proċess ikompli miexi.

## 6 Triq il-Port Ruman – Sistema tat-Traffiku

Is-Sindku spjega kif wara illi l-Kunsill Lokali, bl-approvazzjoni ta' Transport Malta, kien biddel is-sistema tat-traffiku ta' Triq il-Port Ruman minn waħda *two way*s għal triq *one way* għall-perjodu ta' xahar (bi prova), kienu waslu numru ta' konsiderazzjonijiet. Fil-fatt inqrat korrispondenza u ilmenti illi kien irċieva l-Kunsill Lokali dwar din il-modifika. Fost l-oħrajn

il-Kunsill Lokali kien irċieva petizzjoni iffirmata minn 84 persuna residenti fit-triq ikkonċernata illi kienet titlob illi s-sistema tat-traffiku terġa' ssir kif kienet u cioe' *two-ways*. Minbarra dan il-Kunsill Lokali kien irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Charles Busuttil Dougall illi kien għadda xi suġġerimenti lill-Kunsill Lokali dwar xi miżuri li setgħu jittieħdu sabiex ikun riżolt l-inkonvenjent tar-residenti filwaqt illi tkun zgurata s-sigurta' tas-sewwieqa.

Is-Sur Edric Micallef spjega illi sabiex triq tkun two-ways jinħtieg illi l-wisa' tal-karreġġjata tkun bħala minimu ta' 5.5 metri ( ħames metri u nofs). Huwa żied illi fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill kellu jinforma lit-traffic management unit fi ħdan Transport Malta bil-problemi u l-ilmenti li kien irċieva il-Kunsill Lokali. Fl-istess waqt kellha issir talba sabiex kemm il-darba tittieħed id-deċiżjoni illi Triq il-Port Ruman terġa' issir two-ways, isiru linji sofor fi tliet punti tat-triq illi żgur illi kienu qiegħdin joħolqu problemi lis-sewwieqa partikolarment dawk li jkunu qiegħdinjagħmlu użu minn vetturi u inġenji kbar. Is-Sur Carmelo Bugeja qabel ma' dak li kien elenka is-Sur Micallef u ppropona dak li kien intqal. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Angelo Micallef u għaddiet b'mod unanimu.

## 7. <u>Sejħiet għall-offerti MXLC03/2011 u MXLC04/2011</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif permezz ta' żewġ ittri mingħand il-Public Contracts Appeals Board, il-Kunsill Lokali kien ġie infurmat illi l-appell tas-Sur Owen Borġ għad-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali rigward sejħa għall-offerti numru MXLC04/2011 u l-appell ta' Euro Clean Waste Services għad-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali rigward sejħa għall-offerti numru MXLC03/2011 ma' setgħux jiġu diskussi mill-istess bord. Dan peress illi l-Public Contracts Appeals Board kien jisma' biss oġġezzjonijiet illi kienu jeċċedu s-somma ta' €12 000 (mingħajr VAT) filwaqt illi fiż-żewġ każi illi kien ressaq il-Kunsill Lokali l-offerti kienu jammontaw għal inqas minn din is-somma.

Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali intalab jieħu deċiżjoni dwar jekk għandiex tinħareġ sejħa għall-offerti mill-ġdid jew jekk l-istess Kunsill għandux jipproċedi bl-aġġudikar tas-sejħiet għall-offerti. Is-Sur Angelo Micallef flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ġibdu l-attenzjoni tal-Kunsilliera preżenti għall-fatt illi kemm il-darba l-Kunsill jaġġudika s-sejħiet għall-offerti stegħu jittieħdu passi legali mill-appellanti. Wara diskussjoni qasira fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef u li ġiet issekondata mis-Sur Stephen Grech, il-Kunsill unanimament qabel illi kellha tinħareġ sejħa għall-offerti mill-ġdid fiż-żewġ każi.

## 8. <u>Sejħa għall-offerti MXLC02/2011</u>

Is-Sindku qal illi wara illi Alfred Schembri & Sons Ltd. kien abbanduna s-sit tax-xogħol (Xatt is-Sajjieda), flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien ħa d-deċiżjoni illi għandha tintbagħat ittra lill-istess kuntrattur li permezz tagħha kellha tintalab informazzjoni dwar jekk l-istess kuntrattur kienx interessat ikompli x-xogħolijiet. Għaldaqstant permezz ta' ittra datata 25 ta' April 2012 A.Schembri & Sons. Ltd. ġie infurmat illi kemm il-darba ma jitkompliex ix-xogħol sa' l-4 ta' Mejju 2012, il-Kunsill Lokali kien ser jittermina l-kuntratt li jorbot liż-żewġ naħat bil-konsegwenzi li tali deċiżjoni ġġib magħha.

Is-Segretarju Eżekuttiv afferma illi l-Kunsill Lokali ma kien irċieva ebda korrispondenza mingħand il-kumpanija kkonċernata fiż-żmien stipulat u għaldaqstant talab lill-Kunsilliera preżenti sabiex jieħdu deċiżjoni dwar x'passi kellu jieħu l-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill kellu jittermina l-Kuntratt li kellu ma' A.Schembri & Sons. Ltd. u jieħu l-passi neċessarji sabiex tiġibed il-garanzija ta' serjeta' illi l-istess kumpanija kienet għamlet b'konnessjoni ma' kuntratt MXLC02/2011.

Is-Sindku qal illi peress illi ma kien irċieva ebda korrispondenza fiż-żmien stipulat kien għamel kuntatt mal-kumpanija illi kienet offriet it-tieni l-orħos prezzijiet għal din is-sejħa għall-offerti li kienet Schembri Infrastructures Ltd. Kien hemm qbil illi kemm il-darba din il-kumpanija taċċetta illi twettaq ix-xogħolijiet, kellha tintalab tagħmel garanzija ta' serjeta' li tkopri l-ispejjez għal xogħol fuq Triq iż-Żejtun, Triq il-Wilġa u Parti minn Xatt is-Sajjieda. Kemm il-darba lanqas Schembri Infrastructures Ltd. ma' taċċetta illi twettaq ix-xogħolijiet imbagħad kellha tinħareġ sejħa għall-offerti mill-ġdid sabiex jitwettqu x-xogħolijiet.

**9. *Report to Management* għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2011 u risposta.**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif wara illi l-udituri imqabbda mill-Gvern Ċentrali kienu ingħataw kopja ta' l-*accounts* tal-Kunsill Lokali għall-perjodu Jannar-Diċembru 2011 u wettqu *on-site visit* illi matulha ingħataw aċċess għall-informazzjoni kollha mitluba, l-istess udituri kienu għaddew il-kunsiderazzjonijiet tagħhom lin-*National Audit Office*. Dan l-uffiċċju min-naħa tiegħu kien evalwa l-informazzjoni kollha miġbura u bagħat rapport lill-Kunsill Lokali bil-kunsiderazzjonijiet tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid illi flimkien ma' l-*accountant* tal-Kunsill Lokali kien xtarr ir-rapport mibgħu u ħejja xi punti illi setgħu jintbagħtu bħala risposta għar-rapport kkonċernat. Wara li elenka xi nuqqasijiet illi ħarġu mir-rapport ta' l-awdituri u spjega minn x'kienet il-kawża ta' l-istess nuqqasijiet, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali x'passi kienu ittieħdu jew kienu ser jittieħdu sabiex jiġi evitat illi l-istess nuqqasijiet jerġgħu jirrepetu ruħhom matul l-2012.

Wara diskussjoni qasira is-Sur Steven Grech ippropona illi għandha tintbagħat risposta għar-*report to management* hekk kif proposta. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Edric Micallef u għaddiet b'votazzjoni ta' tlieta favur u żewġ astensjonijiet. Is-Sur Carmelo Bugeja u s-Sur Angelo Micallef xtaqu jirrimarkaw illi huma kienu astjenew f'din il-votazzjoni peress illi fil-perjodu kkonċernat ma kellhom ebda konnessjoni mal-Kunsill Lokali u għaldaqstant fl-opinjoni tagħhom ma' kellhomx jieħdu deċiżjonijiet illi kienu jirriflettu fuq ħidmet il-leġislatura preċedenti.

**10. Approvazzjoni ta' ħlasijiet**

Il-Kunsill Lokali ġie ppreżentat bi skeda ta' pagamenti għall-perjodu bejn l-10 ta' April 2012 u l-10 ta' Mejju 2012. Is-Sindku qal illi fl-iskeda kkonċernata kien qiegħed jiġi proposta pagament ta' €120 lis-Sur Brian Bugeja b'konnessjoni ma' mużika li kienet saret għall-funtana li kien hemm fi Pjazza Madonna ta' Pompei. Huwa qal illi fl-opinjoni tiegħu qabel isir dan il-ħlas kellu jsir kuntatt mas-Sur Bugeja sabiex jgħaddi kopja ta' din il-mużika lill-Kunsill Lokali. Dan peress illi mill-informazzjoni li kellu il-mużika kienet ġiet mgħoddija lil eks-kunsillier li ma kellu ebda kuntatt mal-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil illi s-Sur Bugeja għandu jintalab kopja tal-mużika qabel jiġi mħallas.

Fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef u li ġiet issekondata mis-Sur Steven Grech il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti li huma nklużi fl-Iskeda ta' Pagamenti (Skeda Nru 02/12NC) li hi annessa ma' u li tifforma parti minn dawn il-Minuti.

**11 Affarijiet oħra**

11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill kien irċieva ilment rigward siġra taż-żebbuġ li kienet qiegħda tagħmel ħsarat fil-bankina u katusi ta' l-ilma ta' residenza fi Triq il-Port

Ruman. Għal dan il-għan wara li mar fuq il-post kien bagħat lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali sabiex isewwu l-ħsarat li saru. Madanakollu, sid ir-residenza infurmat lill-ħaddiema li x-xewqa tagħha kienet illi s-siġra tinqala' u mhux li tissewwa l-ħsara. Wara diskussjoni libera dwar dan l-ilment tqajjem il-punt illi kienu saru talbiet oħra simili sabiex is-siġar tat-triq in-kwistjoni jinqalgħu u minflokhom jinżergħu oħrajn. Finalment ġie deċiż illi l-Kunsill Lokali kellu jiddiskuti din il-materja kemm il-darba timmaterjalizża l-*jogging track* għaliex is-siġar ikunu jistgħu jinżergħu f'dan is-sit

11.2 Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill Lokali kellu jieħu ħsieb illi tissolva l-kwistjoni ta' single white line li kien hemm matul Xatt is-Sajjieda. Is-Sur Edric Micallef qal illi huwa kien iddiskuta ma' perit minn Transport Malta rigward din it-triq u rriżulta illi l-istess Transport Malta ma kenitx taf illi kienu saru xi modifiki fis-sistema ta' parkeġġ. Għal dan il-għan is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu kien ikun opportun illi tinkiteb ittra lil Transport Malta sabiex jintalab il-parir ta' din l-awtorita' dwar is-sistema ottimali illi għandhom jużaw il-karozzi sabiex jipparkjaw. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil illi din l-ittra għandha tintbagħat.

11.3 Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi kien tkellem ma' sidien ta' art rigward triq illi l-Kunsill xtaq illi tinfetaħ għas-sewwieqa tal-vetturi sabiex tkun tista' tingħalaq Triq San Franġisk. Huwa żied illi verbalment kien ġie infurmat illi l-istes sidien kienu qiegħdin jaqblu illi ssir l-esproprjazzjoni ta' l-art f'dan l-istadju. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi għandha tintbagħat ittra lis-Sur Iman Schembri mill-*Government Property Division* sabiex jitħaffef il-proċess.

Il-laqgħa spiċċat fil-8:30p.m. u ġie aġġornata għal nhar il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012

**Edric Micallef**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**